**A.L. 44 ta' l-1986**

## ATT TA' L-1956 DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD

## (ATT NRU. II TA' L-1956)

### Aktar Arranġamenti biex jipprovdu Għajnuna Finanzjarja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd, il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, bl-approvazzjoni tad-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana emenda l-Arranġamenti biex jipprovdu Għajnuna Finanzjarja pubblikati bl-Avviż Legali Nru. 83 ta' l-1981 tat-28 ta' Lulju, 1981 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Arranġamenti prinċipali") kif ġej:—

Jemenda l-paragrafu 1 ta' l-Arranġamenti prinċipali.

**1.** Minflok is-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 1 ta' l-Arranġamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd, rappreżentant ta' l-Avukat Ġenerali, rappreżentant tas-Segretarju, Ministeru tal-Finanzi u Dwana, rappreżentant taċ-*Chairman* tal-Bord tal-Koperattivi, Assistent Kap fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd u żewġ uffiċjali pubbliċi, wieħed li jkun qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Sajd u wieħed fit-taqsima ta' Għawdex tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd, it-tnejn maħtura għal dan il-għan mill-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, għandhom jiffurmaw Kummissjoni biex tikkonsidra applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjara skond l-Att.".